**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawżi T-478/17, Mutualidad de la Abogacía u Hermandad Nacional de Arquitectos Superiores y Químicos vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-481/17, Fundación Tatiana Pérez de Guzmán y Bueno u SFL vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-482/17, Comercial Vascongada Recalde vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-483/17, García Suárez *et* vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-484/17, Fidesban *et* vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-497/17, Sánchez del Valle u Calatrava Real State 2015 vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, u T-498/17, Pablo Álvarez de Linera Granda vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni.

---

## Rikors ippreżentat fis-17 ta' Awwissu 2017 – Inversiones Flandes *et* vs SRB

## (Kawża T-573/17)

(2017/C 374/60)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Inversiones Flandes, SL (Madrid, Spanja), New Winds Group, SL (Madrid), Sarey Investments, SL (Madrid) (rappreżentant: R. Jiménez Velasco, avukat)

*Konvenut:* Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu lill-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjoni adottata mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, għal dak li jirrigwarda l-premessi u l-artikoli prinċipali indikati, u tadotta deċiżjoni oħra li tevidenzja, bi trasparenza sħiħa u ċertezza, is-sitwazzjoni patrimonjali reali, f'termini kummerċjali, ta' Banco Popular, SA, u fuq il-bażi ta' dan tieħu l-miżuri xierqa.

Kumulattivament, tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawżi T-478/17, Mutualidad de la Abogacía u Hermandad Nacional de Arquitectos Superiores y Químicos vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-481/17, Fundación Tatiana Pérez de Guzmán y Bueno u SFL vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-482/17, Comercial Vascongada Recalde vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-483/17, García Suárez *et* vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-484/17, Fidesban *et* vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-497/17, Sánchez del Valle u Calatrava Real State 2015 vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, u T-498/17, Pablo Álvarez de Linera Granda vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni.

---

## Rikors ippreżentat fil-25 ta' Awwissu 2017 – Asics vs EUIPO -Van Lieshout textile Agenturen (Rappreżentazzjoni ta' erba' linji msallba)

## (Kawża T-581/17)

(2017/C 374/61)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Asics Corporation (Kobe, il-Ġappun) (rappreżentanti: M. Polo Carreño, M. Granado Carpenter, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Van Lieshout textiel Agenturen BV (Berkel-Enschot, il-Pajjiżi l-Baxxi)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark figurattiva tal-Unjoni (Rappreżentazzjoni ta' erba' linji msallba – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 952 678

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: il-proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Ġunju 2017 fil-Każ R 2129/2016-4

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tordna r-rimbors tal-ispejjeż f'dan l-appell quddiem il-Qorti Ġenerali.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tad-dmir tal-Bord li jirrevedi l-legalità tad-deċiżjoni tal-ewwel istanza;

— Ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Awwissu 2017 – Bashab *et* vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-582/17)**

(2017/C 374/62)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Évariste Boshab (Kinshasa, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo) u 7 rikorrenti oħra (rappreżentanti: P. Chansay-Wilmotte, A. Kalambay Ndaya u P. Okito Omole, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

— tiddikjara l-invalidità tal-miżuri restrittivi inkwistjoni, jiġifieri,

  — ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/904, tad-29 ta' Mejju 2017, li jimplimenta l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li, skont il-Kunsill, aġixxew bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo;

  — id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/905, tad-29 ta' Mejju 2017, li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.